**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 67

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 18 ta' Ġunju 2024

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-12.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia Muscia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier
Daniel Mallia - Viċi Sindku

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ħadd ma kien assenti b'apoloġija

### ASSENTI:

Ħadd ma kien assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Pamela Seguna – Segretarju Eżekuttiv
Dorianne Bonniċi Bondin – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

### 67.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

67.1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji ma kienx hemm.

### 67.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 66

67.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tas-sitta u sittin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

67.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Korrezjonijiet ma kienx hemm.

67.2.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Joseph Zahra, li kienet issekondatha mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia, l-minuti tas-sitta u sittin laqgħa ġew approvati unanimament.

### 67.3 L-ittra ta' direzzjoni 2023 u Risposta tal-Kunsill Lokali

67.3.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tpoġġiet l-Ittra ta' Direzzjoni 2023 bid-data 20 ta' Mejju, 2024, li minkejja din id-data waslet fl-uffiċċju tal-Kunsill fit- 23 ta' Mejju, 2024.

67.3.2 Fuq il-Mejda tpoġġiet ukoll ir-risposta ta' din l-Ittra tad- direzzjoni 2013, li ġiet issuġġerita, bid-data 18 ta' Ġunju, 2024.

67.3.3 Kopja ta' din l-Ittra ta' Direzzjoni flimkien mar-risposta ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

67.3.4 Il-Kunsill approva l-Ittra ta' Direzzjoni 2024 fuq proposta tas-Sindku Anthony Dalli li kien issekondat mill-Viċi Sindku Danieli Mallia u kif ukoll qabel li tintbgħat ir-Risposta ssuġġerita.

### 67.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

67.4.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 6/24 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €161.04 għax-xahar ta' Mejju.

67.4.2 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 6/24) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Jospeh Zahra li kien issekondatha mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-Sindku u s-Sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

### 67.5 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

67.5.1 Il-Ħin kien 12:11pm x'ħin ntemmet is-seduta.Il-laqgħa li jmiss saret dakinhar stess, it-Tlieta 18 ta' Ġunju 2024 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-12:30pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

67.5.2 Konfermati, illum it-Tlieta 18 ta' Ġunju 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Seguna |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |